2024/2869

7.11.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2869

## tal-5 ta' Novembru 2024

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-29 ta' April 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/689 [1] dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra [2] ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"). Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) L-Artikolu 8(1), il-punt (l), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni stabbilixxa l-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Il-kompetenzi tiegħu huma stabbiliti fl-Artikolu 8(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(3) L-Artikolu 8(4), il-punt (f), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija biex jistabbilixxi, jissorvelja, jikkoordina u jxolji l-Gruppi ta' Ħidma. Skont l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu, taħt is-superviżjoni ta' Kumitat, jassisti lil dak il-Kumitat fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u, b'mod partikolari, iħejji l-ħidma ta' dak il-Kumitat u jwettaq kwalunkwe kompitu assenjat lill-Grupp ta' Ħidma minn dak il-Kumitat. L-Artikolu 9(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura, l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu stess b'kunsens reċiproku.

(4) Huwa xieraq li l-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija jistabbilixxi, skont l-Artikolu 8(4), il-punt (f), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista, biex jopera taħt is-superviżjoni tiegħu. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista jenħtieġ li jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2193 [3] u jenħtieġ li jirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija.

(5) Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista jenħtieġ li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista. Dan jenħtieġ li jservi bħala forum għall-kooperazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni, id-diskussjonijiet tekniċi u l-konsultazzjoni reċiproka. Bl-eċċezzjoni tal-istabbiliment tar-regoli ta' proċedura tiegħu stess, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista mhuwiex maħsub biex jadotta atti jew miżuri li jkollhom effett legali.

(6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija se tkun vinkolanti għall-Unjoni,

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

(2) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2193 tat-28 ta' Settembru 2023 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, jew sussegwentement stabbiliti skontu, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tagħhom (ĠU L, 2023/2193, 16.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2193/oj).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija, stabbilit bl-Artikolu 8(1), il-punt (l), tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, hija stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

VARGA M.

*ANNESS*

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI Nru …/2024 TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR L-ENERĠIJA STABBILIT PERMEZZ TAL-ARTIKOLU 8(1)(l) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MIN-NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA,**

**ta' …**

**rigward l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista**

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR L-ENERĠIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

(2) L-Artikolu 8(1)(l) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi l-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Setgħatu fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' kompetenza tiegħu huma stabbiliti fl-Artikolu 8(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(3) L-Artikolu 8(4)(f) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija biex jistabbilixxi, jissorvelja, jikkoordina u jxolji l-Gruppi ta' Ħidma.

(4) Skont l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu, taħt is-superviżjoni ta' Kumitat, jassisti lil dak il-Kumitat fit-twettiq tal-kompiti tiegħu u, b'mod partikolari, iħejji l-ħidma ta' dak il-Kumitat u jwettaq kwalunkwe kompitu assenjat lill-Grupp ta' Ħidma minn dak il-Kumitat.

(5) L-Artikolu 9(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li kwalunkwe Grupp ta' Ħidma għandu jkunu magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni u minn rappreżentant tar-Renju Unit.

(6) L-Artikolu 9(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura, l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu stess b'kunsens reċiproku.

(7) Huwa xieraq li l-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija jistabbilixxi, skont l-Artikolu 8(4)(f) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista, biex jopera taħt is-superviżjoni tiegħu. Jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu. Jenħtieġ li jirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. B'dan huwa stabbilit il-Kumitat ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista.

2. Huwa għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu.

*Artikolu 2*

1. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jiltaqa' kull meta jiġi deċiż mill-kopresidenti, bi qbil reċiproku.

2. Għandu jirrapporta r-riżultati u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tiegħu b'mod regolari lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija*

*Il-Kopresidenti*